QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

IMHALLEF

Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,
Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 60/18AL

**A B**

**vs**

**C B D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi A B u C B D izzewwgu fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001), u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. A, mil-liema zwieg kellhom tifel wiehed X B illi llum ghandu tlettax (13)-il sena;

Illi A B u C B D sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Timothy Ellis datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. B. Ghaldaqstant il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, fi klawzola numru 3, ir-rikorrenti kien obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar lill-intimata bhala manteniment ghaliha, liema obbligu huwa dejjem ottempora ruhu mieghu u ma hemm l-ebda kwistjonijiet pendenti f'dan is-sens;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, fi klawzola numru 5(viii), ir-rikorrenti kien ukoll obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu minuri u dana sakemm it-tifel minuri jaghlaq it-tmintax (18)-il sena jew jibda jahdem skond liema eventwalita ssehh l-ewwel, b'dana illi f'kaz illi l-minuri jkompli fl-istudji terzjarji tieghu wara li jaghlaq it-tmintax (18)-il sena, il-manteniment jibqa' jithallas mir-Ragel ghal ibnu sakemm jispicca dawn l-istess studji; Anki f'dan is-sens ir-rikorrenti jiddikjara illi huwa dejjem ottempora ruhu ma' tali obbligu u li ma hemm l-ebda pendenzi f'dan ir-rigward;

Illi in oltre, apparti il-manteniment, ir-rikorrenti kien ukoll ai termini tal-klawzola numru 5(xi) tal-kuntratt ta' separazzjoni obbliga ruhu illi jhallas nofs l-ispejjez ordinarji u straordinarji tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri meta jigu pprezentati ircevuti lilu, u anki f'dan ir-rigward ma hemm l-ebda kwistjonijiet u r-rikorrenti dejjem hallas dak minnu dovut;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet A B u C B D b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Semghet lill-intimata tinforma lill-Qorti li m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Lulju 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.